MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 406/2004

**Sullivan Maritime Limited**

**vs**

**Nicholas Sammut Tagliaferro**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Frar 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tnejn u sittin lira Maltin u erbatax il-centezmu(Lm262.14) rapprezewntanti prezz ta' servizzi rezi mis-socjeta' attrici kif inkarigata inter alia mill-konvenut u dan bhala bilanc minn sehemu ai termini tal-invoice numru 011043GC.
Bl-imghax legali u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittri legali tat-13 ta' Gunju 2002, tas-7 ta' Jannar 2003, 17 ta' April 2003, 15 ta' Mejju 2003 u 19 ta' Novembru 2003.
Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-azzjoni odjerna hija preskritta a tenur tal-Artikolu 544(a) tal-Kap. XIII tal-Ligijiet ta’ Malta.
Illi fil-mertu u bla pregudizzju ghall-premess il-*freight* kellu semmai jithallas minn Charles Grech ghaliex l-oggetti mghiobbija kienu tieghu u mhux tal-konvenut.
Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema’ x-xhieda ta’ Jonathan Mallia, ta Charles Grech u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tla-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-ammont mitlub mill-konvenut permezz tal-kawza odjerna jirrigwarda sehem il-konvenut ghal servizzi rezi mis-socjeta attrici fuq inkarigu tieghu u konsistenti f’garr ta merkanzija. Il-konvenut qed jeccepixxi l-preskrizzjoni ta’ sena ai termini tal-Artikolu 544(a) tal-Kap. 13. M’hemm l-ebda dubbju li din hija l-preskrizzjoni applikabbli ghall-azzjoni attrici fil-kaz odjern. Mid-dokument esebiet a fol. 13 tal-process jirrizulta li l-merkanzija in kwistjoni kellha tasal Malta fis-26 ta Gunju 2000. L-Artikolu 544(a) jistabbilixxi li l-perijodu preskrittiv jibda jiddekorri mid-data tal-kompletazzjoni tal-vjagg. Il-kawza odjerana giet intavolata fis-17 ta’ Frar 2004 u ghalhekk ferm oltre is-sena mill-kompletazzjoni tal-vjagg. L-Artikolu 541 tal-Kap.13 jiprovdi li kwalunkwe perijodu preskrittiv stabbilit fil-Kodici tal-Kummerc huwa perentorju u jikkostitwixxi dekadenza. Kif diga’ ntqal aktar il-fuq l-azzjoni odjerna giet intavolata ferm oltre t-terminu ta’ sena prefiss mill-ligi u ghalhekk jidher li din l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 544(a) ta-Kap. 13.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi biilli jilqa’ l-eccezzzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mill-konvenut u jiddikjara l-azzjoni attrici preskritta ai termini tal-Artikolu 544a) tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta’ attrici skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------